# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 13 ta' Marzu, 2024

Avviz tat-Talba numru: 220/2023 CL

**Dino Fino Opperation Limited (C 81069)**

**VERSUS**

**Jonathan Vassallo (KI nru: 231181M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-26 ta' Gunju 2023, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jidikkjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' mija u tmenin euro (€180) li jikkonsistu f'bilanc rimanenti ghal ghamara mibjugha, ikkonsenjata u installata fuq inkarigu tal-konvenut, skond Dok A. Jordna lill-konvenut jhallas l-ammont ta' mija u tmenin euro (€180) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta ipprezentata fl-10 ta' Awwissu 2023, fejn it-talba tas-socjeta attrici kellha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Hu ikkonferma li kien xtara minghand is-socjeta attrici ghamara ghar-restaurant tieghu ghal valur ta' €3,717 li minnhom kien hallas €3,537, stante li l-ahhar bilanc ta' €180 kellu jithallas meta s-socjeta rikorrenti taghmel l-*assembly* tas-siggijiet mixtrija, liema *assembling* s-socjeta attrici qatt ma ghamlet u b'konsegwenza l-konvenut kellu jqabbad u jhallas lill-terzi.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fit-13 ta' Novembru 2023 gie ipprezentat affidavit ta' Shirley Anne Baldacchino li tokkupa l-kariga ta' Executive Assistant mas-socjeta attrici li timporta u tbiegh ghamara u hi tassisti lil CEO, Dino Fino. Hi kienet il-persuna li tikkomunika ma' Jonathan Vassallo li kien ordna siggijiet ghar-restaurant tieghu fejn il-prezz miftiehem kien ta' €3717 li kellhom jithalsu 40% bhala depozitu, 55% qabel l-installazzjoni u l-konsenja u 5% wara l-installazzjoni. Is-socjeta attrici kienet wetqet il-konsenja tas-siggijiet kollha u minhabba li r-restaurant ma kienx lest Jonathan Vassallo talab sabiex l-installazzjoni ma titwettaqx dik il-gurnata. Ghalkemm huwa idejali li l-installazzjoni ssir fl-istess gurnata tal-konsenja , gie miftiehem li meta r-restaurant jkun lest kien ser jinfurmhom biex jaghmlu l-installazzjoni. Il-konvenut qatt ma qalilhom biex jinstallaw is-siggijiet u jidher li minn jeddu kien qabbad lil terzi. B'hekk ir-rimanenti 5% li

jammonta ghal €180, li huwa terminu ta' pagament u mhux prezz ta' installazzjoni, baqa' ma thallasx, minkejja li intbghatu diversi e mails Dok SB1. Gie ipprezentat l-affidavit ta' Dino Fino l-CEO tas-socjeta attrici fis-27 ta' Novembru 2023 li ikkonferma li l-konvenut kien ordna siggijiet fejn il-prezz miftiehem kien ta' €3,717 u saret il-konsenja tas-siggijiet ordnati mill-konvenut u thallas l-ammont ta' €3537. Skond il-modalita tal-ftehiem dan il-bilanc ta' 5% fl-ammont ta' €180 kellu jiithallas wara l-installazzjoni tas-siggijiet. Illi meta saret il-konsenja tas-siggijiet, il-konvenut talab sabiex l-installazzjoni ssir darb' ohra stante li ma kienx ghadu lest u kienu ftehmu li jinfurmhom. Il-konvenut qatt ma kkomunika maghhom biex ssir l-installazzjoni u jidher illi qabbad lil-terzi. Il-bilanc ta' 5% fl-ammont ta' €180 ma kien prezz tal-installazzjoni imma terminu ta' pagament hekk kif kien miftiehem. Minkejja li hu stess kien bghat e mail lil konvenut sabiex jhallas, qatt ma ircieva risposta.

Gie ipprezentat l-affidavit tal-konvenut fl-10 ta' Jannar 2024 li ikkonferma illi kien xtara xi hamsa u erbghin siggu mis-socjeta attrici ghal prezz miftiehem ta' €3717. Hu kien ghamel zewg pagamenti, wiehed ta' €1486.80 u intalab pagament iehor ta' €2050.20 permezz ta' email Dok A  qabel ma saret il-konsenja, liema e mail kienet tghid illi l-bilanc ta' €180 kellha tithallas mal-installazzjoni. Fil-fatt hu kien ftiehem li ssir il-konsenja minghajr l-installazzjoni ghax kien ghadu ghaddej bix-xoghol. Meta cempel biex ssir l-installazzjoni huma kienu tawh appuntament fit-tul u hu spjega li ma setax jistenna daqshekk ghaliex kien qieghed joqrob ix-xahar ta' Dicembru u ma setax jiftah il-hanut minghajr is-siggijiet installati. B'hekk hu kien qabbad lil Christopher Azzopardi biex jinstalla s-siggijiet fejn kien hallas €288, li jigu €108 aktar ghal installazzjoni,Dok B anness. Meta ircieva reminders biex jhallas hu kien cempel biex jghidilhom li kien qabbad lil hadiehor ghax ma setax jistenna. Fis- 6 ta' Mejju 2022 ircieva e mail bl-ircevuta annessa minn Chantelle Micallef, ghas-socjeta attrici, li tghid li kienu ircevew il-pagament ta' €180. Hu ma kellu ebda dokument li kienet tindika *payment terms* u li €180 kien 5% tal-ammont bhala bilanc u mhux *installation fee*.  Fil-kontro ezami ikkonferma li meta s-socjeta attrici ghamlu l-konsenja tas-siggijiet il-post ma kienx ghadu lest, b'hekk ma setax ssir l-installazzjoni. Hu kien ghamel il-pagament fis-26 ta' Novembru 2021 u l-konsenja saret xi granet wara.Kif cempel ghall-installazzjoni kienu tawh gurnata xi gimghatejn wara u ried jiftah biex jibda jopera u qabbad lil hadddiehor li ghamel l-installazzjoni gimgha wara. Hu qatt ma wiegeb l-emails li ircieva ghal hlas, izda kien cempel ghalkemm ma jiftakarx lil min kellem. Hu ma kienx hallas il €180 ghax ghalih kienet ghall-installazzjoni li ma saritx mis-socjeta attrici, imma minn terzi. li hallas ghaliha izjed minn €180. Hu qatt ma ircieva xi ittra minghand is-socjeta attrici hlief l-emails u ghalkemm ircieva ircevuta hu jaf li ma kienx hallashom.

**Ikkonsidrat**:

It-Tribunal ikkonsidra li saret ordni ta' siggijiet, fejn kellha tithallas ammont mal-ordni, ammont iehor qabel il-kosenja u l-ahhar bilanc ta' €180 mal-installazzjoni. M'hemmx kontestazzjoni li meta saret il-konsenja il-hanut tal-konvenut ma kien lest u ghalhekk talab sabiex l-installazzjoni ssir aktar tard u kellu jikkomunika maghhom meta jkun lest. Skond il-konvenut meta talab lis-socjeta attrici taghmel l-installazzjoni tawh gurnata gimghatejn wara u peress illi kien gej il-Milied ma setax jistenna u b'hekk kien qabbad lill terzi biex jaghmlu l-installazzjoni fejn hallas €288. Skond is-socjeta attrici l-ammont ta' €180 li kellha tithallas mal-installazzjoni, ma kinitx *installation fee* izda l-modalita' tal-pagament, izda skond il-konvenut din kienet prezz tal-installazzjoni u peress illi kien hallas lil terzi ghal installazzjoni ma kienux dovuti. It-Tribunal joserva illi l-fatt li l-

installazzjoni ma sehhitx ma kinitx minhabba xi nuqqas da parti tas-socjeta attrici, izda ghax il-konvenut ma kienx lest u kellu jikkomunika mas-socjeta attrici sabiex ssir l-installazjoni. Ghalkemm il-konvenut jghid li ikkomunika mas-socjeta attrici u tawh data fi-boghod ma hemm ebda dokumenti li juri li seta' kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta attrici, ghax bhala fatt kien hemm fattura tat-terzi datata 30 ta' Novembru 2021 li huwa inqas minn jumejn ta' xoghol wara li sar il-pagament u ghalhekk kwasi hewkk kif saret il-konsenja.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' mija u tmenin euro (€180), flinkien bl-imghaxijiet mid-data ta' meta gietipprezentata t-talba sal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**